IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 51**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 8 ta' Marzu 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 49**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G49 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. *(Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 49)*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 49** *(Punti li joħorġu mill-Minuti G 49)*

2.01 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsil kien għadu ma irċieva l-ebda tweġiba. *(Wind Farm fir-Rabat)*

2.02 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talba lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq kienet saret. *(Talba sabiex tissemma' triq għal)*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| | | Kanonku Dekan Carmelo Cefai |
| 2.03 | 3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li *r-reminder* lill-Kummissarju tal-Artijiet kienet inbgħatet però l-Kunsill kien għadu ma irċieva l-ebda tweġiba. | *Reminder* lill-Kummissarju tal-Artijiet |
| 2.04 | 7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-petizzjoni kienet inbgħatet lill-awtoritajiet kompetenti. | Petizzjoni – Toroq fil-limiti ta' Binġemma |
| **3.00** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 50** | |
| 3.01 | Il-minuti tas-seduta numru G50 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 50 |
| **4.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti G 50** | Punti li joħorġu mill-Minuti G 50 |
| 4.01 | Ma hemm l-ebda punti li joħorġu mill-minuti G50 | |
| **5.00** | **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità** | |
| 5.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-minuti ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità |
| **6.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza** | |
| 6.01 | Is-Sindku ppropona li jiġu installati żewġ bozoz ġodda li l-Kunsill għandu fuq il-*waiting list*. Waħda fi Triq San Ġakbu u oħra fi Triq l-Imtaħleb. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Installazzjoni ta' żewġ bozoz ġodda |
| 6.02 | Is-Sindku saħaq li l-pjanti li hemm f'Misraħ Anton Agius mhux jiġu msaqqija. | Tisqija tal-pjanti f'Misraħ Anton Agius |
| ** | Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fit-7.50 ta' filgħaxija. | |
| **7.00** | **Attendenza tal-Kunsillieri skont it-termini tal-artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali** | |
| 7.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Settembru 2015 u Frar 2016. Hi ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Ian Vassallo naqas milli jattendi l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar | Attendenza tal-Kunsillieri |

il-Kunsilli Lokali.

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakkomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Vassallo ma jiġix vakant.

7.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0228/16**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Paul Grech ma jiġix dikjarat vakanti.

**8.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

8.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 255 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. L-iskeda tal-ħlasijiet numru 255

**9.00 Korrispondenza**

9.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza riċevuta mill-Kumpanija *Green MT* dwar il-*bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok u li issa kienu ġew trasferiti għal Triq il-Merħliet k/m Triq it-Tiġrija. *Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-*bring-in-sites* jiġu trasferiti aktar 'l fuq fi Triq it-Tiġrija ħdejn il-gallerija tal-palju. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0172/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Rabtin Pawlini sabiex jorganizzaw *Car Show* nhar il-Ħamis 31 ta' Marzu 2016. Talba mill-Kummissjoni Żgħażagħ Rabtin Pawlini

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- li jsir it-tindif meħtieġ wara li tispiċċa l-attività għas-spejjeż tal-Kummissjoni
- li l-ħlas għas-servizz tal-gwardjani lokali ssir mill-Kummissjoni

9.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0220/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-*Baden Powell Scouts Malta* sabiex joganizzaw parata nhar il-Ħadd 24 ta' April 2016. Talba mill-*Baden Powell Scouts Malta*

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- li minflok li l-parata tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier, tgħaddi minn Triq Kola Xara
- li jiġi ordnat is-servizz ta' pulizija sabiex jidderiġi t-traffiku.

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0216/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-proprjetarju ta' *MaKaras Supermarkets* sabiex joganizza *Food Festival* nhar il-Ħadd 1 u t-Tnejn 2 ta' Mejju 2016. Talba MaKaras Supermarkets

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħti din in-*No Objection* bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- li l-*istalls* jiġu armati fi Pjazza San Katald.
- li jsir it-tindif meħtieġ waqt u wara li tispiċċa l-attività għas-spejjeż tal-organizzatur.

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0218/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur u s-Sa Mercieca sabiex għas-spejjeż tagħhom jinstallaw *poles* quddiem ir-residenza tagħhom. Dan minħabba li l-karozzi kienu qed ikissrulhom l-għatba ta' quddiem l-garaxx. Talba għal installazzjoni ta' *poles*

Is-Sindku ppropona li qabel tittieħed deċiżjoni jiġi verifikat jekk kienx hemm bankina qabel ma nbdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq l-imsemmija proprjetà. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0116/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sa Vella sabiex ma jingħatax konkos fil-ġnub tat-toroq fil-kampanja. Għoti ta' konkos fil-ġnub tat-toroq

Is-Sindku ppropona li sabiex ikun hemm aktar indafa fit-toroq it-talba tas-Sa Vella ma tistax tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Wara li ma kienx hemm qbil unanimu ttieħed vot. Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur u tnejn kontra. Wara talba għal *division* tal-vot irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku Charles Azzopardi, l-Viċi Sindku Doris Coleiro, il-Kunsillier Andrew Mallia u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi, il-voti kontra kienu tal-Kunsillier Stephen Borg u l-Kunsillier Ian Vassallo.

**10.00 Ħruġ tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq**

10.01 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offerti taz-zoni 1-4, kien hemm qbil unanimu li tinħareġ sejħa waħda għall-offerti għal-lokalità kollha tar-Rabat, inkluż z-zona tal-Baħrija kif ukoll it-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins u ash trays.* Ħruġ tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-knis manwali tat-toroq. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.00 Tiġdid tal-offerta għal Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku – RLC/T/142/14**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/T/142/14, għal xogħol ta' Tiġdid tal-offerta għal Xogħol ta'

manutenzjoni fuq is-sinjali tat-toroq u t-tabelli tat-traffiku jiġi mġedded għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku – RLC/T/142/14

**12.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (April – Ġunju 2016)**

12.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn April – Ġunju 2016 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku biex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettall tal-programm. Programm tal-ħarġiet għall-Anzjani

Is-Sindku ppropona li l-programm jiġi approvat. Issekonda din il-proposta l-Kunsilllier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B17 u B18**

13.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B17 u B18 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Baħrija – Seduti numru B17 u B18

**14.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B19**

14.01 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppproponiet li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B19 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B19

**15.00 Materji Oħra**

15.01 Ma kien hemm l-ebda materja x'tiġi diskussa. Materji Oħra

**16.00 Data tas-seduta li jmiss**

16.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 5 ta' April 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

16.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.16 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 5 ta' April 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**